MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 275/1995/1

**Alfred Vella f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Xemxija Hotels Limited***

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u Louis Cilia bħala *Chairman* tal-Bord tal-Pariri dwar Liċenzji tal-Pulizija u in rappreżentanza ta' l-istess Bord tal-Pariri, kif ukoll Norman Bezzina u Dr Joseph Troisi bħala membri ta' l-istess bord, u**

**Rita Vella Brincat bħala segretarja ta' l-imsemmi Bord tal-Pariri**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-atturi li jghid hekk:
"Billi l-attur joqghod fi Triq il-Pwales, Xemxija, San Pawl il-Bahar, u huwa l-proprjetarja tal-lukanda "Xemxija Bay Hotel", San Pawl il-Bahar;

"Billi l-Bord ta' Pariri Dwar Licenzji tal-Pulizija, fuq applikazzjoni ta' Paul David Gauci, ghamel rakkomandazzjoni favorevoli ghall-hrug ta' licenzja tan-negozju mill-Kummissarju tal-Pulizija fuq il-post numru 1, Triq il-Pwales, Xemxija, San Pawl il-Bahar, lill-istess Paul David Gauci;

"Billi l-Kummissarju tal-Pulizija, in segwitu ghall-imsemmi parir tal-Bord ta' Pariri Dwar Licenzji tal-Pulizija, hareg il-licenzja tan-negozju lil Michael Farrugia ghan-nom ta' "Riviera Limited";

"Billi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-hrug ta' tali licenzja huwa ta' dannu ghall-attur kemm bhala girien tal-lokal kif ukoll bhala proprjetarju tax-Xemxija Bay Hotel, minbarra oggezzjoni li saret minn familja ohra;

"Billi l-imsemmi Restaurant huwa sottopost ghall-arja li hija proprjeta` ta' l-attur nomine, liema arja ser tinbena fi zmien qasir biex l-'area' tigi inkorporata mal-lukanda, u billi d-dhahen li johorgu mic-cmunija tal-imsemmi Restaurant sejrin jizbukkaw fix-xaft tal-kmamar tas-sodda tal-lukanda u b'hekk jikkawzaw in-konvenjent serju u perikolu ghas-sahha tar-residenti tal-lukanda;

"Billi fl-applikazzjoni tieghu, Paul David Gauci ddikjara illi huwa kien is-sid ta' dan il-post, u dan meta huwa kien, fit-30 ta' Novembru 1993, ittrasferixxa l-imsemmi Restaurant lil Riviera Ltd., u b'hekk jigi li huwa ghamel dikjarazzjoni falza;

“Billi, kif jirrizulta mill-istess Parir tal-Bord (Dok. “X”), il-Bord tkellem ma’ Paul David Gauci bil-gurament fil-11 ta’ Mejju 1994;

“Billi t-trasferiment kien sar permezz ta’ att pubbliku tat-30 ta’ Novembru 1993 (Dok. “Y”) fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, u ghalhekk jirrizulta palesament li fil-11 ta’ Mejju 1994, meta kkonferma bil-gurament lill-Bord, huwa ma kienx ghadu l-proprjetarju tal-imsemmi Restaurant;

“Billi, kif jirrizulta mill-istess Parir tal-Bord (Dok. “X”), il-Bord kien a konoxxenza tal-fatt li Paul Gauci kien ittrasferixxa r-Restaurant lil Riviera Ltd. b’kuntratt tat-30 ta’ Novembru 1993 imsemmi fl-istess Parir, u ghalhekk kien jaf li fl-applikazzjoni saret dikjarazzjoni falza, u dan apparti l-konferma bil-gurament quddiem il-Bord stess;

“Billi l-Kummissarju tal-Pulizija wkoll kien a konoxxenza ta’ dan il-fatt billi giet attirata l-attenzjoni tieghu ghalih u nghatat kopja tal-kuntratt lill-Pulizija, u dan qabel il-hrug tal-licenzja;

“Billi l-Bord ma setax jirrakkomanda l-hrug tal-licenzja lil Paul David Gauci peress illi dan ma kienx is-sid tar-Restaurant, filwaqt li l-Kummissarju tal-Pulizija ma setax johrog il-licenzja lil Riviera Limited ghaliex ma kienx gie rrakkomandat hekk lilu, u dan peress li l-parir tal-Bord kien li l-licenzja tinhareg lil Paul David Gauci;

“Billi l-intimati, interpellati jirrimedjaw is-sitwazzjoni billi tigi rtirata l-licenzja, baqghu inadempjenti.

“1. Tiddikjara li l-parir moghti mill-imsemmi Bord inghata in malafede, bi hsara ghad-drittijiet ta’ l-attur proprio et nomine.

“2. Tiddikjara li l-permess inhareg mill-Kummissarju tal-Pulizija invalidament u irregolarment.

“3. Tiddikjara null u bla effett il-hrug tal-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

"Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Protesti pprezentati kontra l-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"(1) Illi l-attur m'ghandux interess guridiku biex jipprevjeni lil terzi milli jkollhom licenzja biex jezercitaw in-negozju taghhom u jissostitwixxi lilu nnifsu bhala garanti ghall-allegati drittijiet tat-terzi, u fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tieghu hija infondata guridikament peress li dawn il-licenzji jinghataw minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta' terzi.

"(2) Illi subordinatament u bla pergudizzju ghall-premess il-Bord ta' Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija u l-membri kollha li jikkomponuh, mhumiexil-legittimi kontraditturi f'din il-kawza billi l-funzjoni tal-Bord hija biss li jaghti pariri lill-Kummissarju tal-Pulizija u m'ghandu l-ebda awtorita` ezekuttiva awtonoma u ghalhekk kemm il-Bord kif ukoll il-membri tieghu ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

"(3) Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tistharreg l-ghemil tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Bord ta' Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija fl-ambitu tal-poteri moghti lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-hrug ta' licenzji u lill-Bord f'dak li jirrigwarda l-pariri li jaghti lill-eccipjent l-iehor u dan kif provdut fl-Artikkolu 742 tal-Kap. 12. Dan billi iz-zewg eccipjenti agixxew fil-limiti tas-setghat moghtija lilhom bil-ligi u ghalhekk l-agir taghhom mhux talli mhux censurabbli ghax mhux "irregolari" jew moghti "in malafede" kif allegat mill-attur, izda lanqas mhu agir sindakabbli mill-Qrati.

"(4) Illi l-attur ghalkemm moghti l-fakolta` bil-ligi li jappella mid-decizjoni amministrattiva tal-eccipjenti quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzji tal-Pulizija naqas li jaghmel dan. Illi dan ma jikkomportax allura li l-attur ghandu xi dritt naxxenti mil-ligi civili li jintitolah li jimpunja l-ezercizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva fl-ghoti ta' licenzji sempliciment ghaliex mhux komdu ghall-attur li jkollu konkorrent fil-kummerc bieb ma' bieb mieghu.

L-ghoti ta’ licenzja hija funzjoni ta’ natura pubblika li tipprexxindi mir-relazzjonijiet purament interpersonali tal-individwi koncernati.

“(5) Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-Bord ta’ Pariri Dwar Licenzji tal-Pulizija minkejja li sema’ l-lanjanzi tal-attur ma hassx li kienu gustifikati u rrakkomanda l-hrug tal-licenzja.

“Salv u impregudikat kull eccezzjoni ohra f’kaz ta’ bzonn.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li in forza taghha eccipew illi:
“L-improponibbilita` tac-citazzjoni tal-attur nomine stante li ai termini tal-Artikolu 907(2) l-attur li ceda l-kawza fit-8 ta’ Frar 1995 fl-ismijiet Alfred Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija FGC Citazz. Nru. 731/95 kellu jhallas l-ispejjez tal-kawza ceduta u huwa ma jistax ikompli din il-kawza fuq l-istess haga, qabel ma jkun fil-fatt hallas l-ispejjez lill-eccipjenti.”

Rat fl-udjenza tal-21 ta’ Lulju, 1995, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-konvenuti irtiraw l-eccezzjoni ulterjuri taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha eccepixxa:
“Illi permezz tal-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc, Kap. 441 l-eccipjent m’ghadux aktar l-awtorita` pubblika responsabbli ghall-hrug tal-licenzji, inkluzi dawk reklamati mill-atturi.

“Ghalhekk l-eccipjent mhux legittimu kontradittur u ghandu jkun mehlus mill-osservanza tal-gudizzju.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Ottubru, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej
“... ... ... u billi hija tal-fehma mhux biss illi ma saritx il-prova tal-premessi illi fuqhom l-atturi bnew it-talbiet tagħhom iżda anzi ntwera biċ-ċar illi din il-kawża kienet

waħda frivola u vessatorja, il-qorti tiċħad it-talbiet ta' l-atturi u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Wara li qieset sew ix-xhieda u l-atti kollha tal-kawża, din il-qorti hija tal-fehma illi l-atturi qegħdin ifittxu li jiggranfaw ma' kull ma jsibu biex ifixklu kompetitur tagħhom fin-negozju, u qegħdin ifittxu li jinqdew bi proċeduri ġudizzjarji għal dan il-għan. Din il-kawża, fil-fehma tal-qorti, ma hijiex ħlief abbuż mill-proċess ġudizzjarju.

"Li ġara hu illi ċertu Paul David Gauci kien għamel talba biex tinħariġlu liċenzja biex imexxi *restaurant* f'bini qrib il-lukanda ta' l-atturi. Waqt illi l-awtorità li kienet kompetenti dak iż-żmien kienet qiegħda tqis it-talba, Gauci bigħ il-bini lil *Riviera Limited*, u eventwalment il-liċenzja ħarġet favur *Riviera Limited*.

"L-atturi għamlu allegazzjonijiet illi Gauci ħa ġurament falz għax lill-awtoritajiet qalilhom li hu kien is-sid meta ma kienx għadu sid, u illi l-awtoritajiet imxew *in mala fide* meta ħarġu l-liċenzja. Jallegaw ukoll illi l-liċenzja nħarġet ħażin għax inħarġet mill-Kummissarju lil *Riviera Limited* għalkemm il-parir tal-Bord kien li tinħareġ lil Gauci, li, iżda, ma setgħetx tinħariġlu liċenzja għax ma kienx għadu s-sid.

"Li fil-fatt ġara, kif fisser il-Kuntistabbli Vincent Mifsud meta xehed fil-15 ta' Marzu 1999[1], hu illi l-applikazzjoni ta' Gauci għall-ħruġ tal-liċenzja "waqfet" u saret talba oħra minn Michael Farrugia għal *Riviera Limited*. Din it-talba ntlqgħet u għalhekk *Riviera Limited* setgħet tiftaħ *restaurant*. F'dan kollu ma ntwera li sar xejn ħażin; l-atturi fil-fatt kienu abbondanti ħafna fl-allegazzjonijiet iżda foqra għall-aħħar fl-provi, għax bħala prova konkreta tista' tgħid li ma ressqu xejn.

1 *Foll.* 82 *et seqq.*

"Jidher ċar illi din il-kawża saret għax l-atturi riedu illi r-*restaurant* ta' Gauci jixtruh huma, u kienu għamlu wkoll konvenju miegħu biex jixtru mingħandu, iżda għal xi raġuni l-bejgħ ma seħħx, u issa l-atturi qegħdin b'din il-kawża jfittxu li jfixklu lil min xtara r-*restaurant* minflokhom. Inċidentalment, l-atturi jilmentaw illi ċ-ċumnija tar-*restaurant* tiżbokka b'mod li titfa' d-duħħan fil-kmamar tas-sodda tal-lukanda tagħhom bi ħsara għas-saħħa tar-residenti, u illi, minħabba l-mod kif inhu l-bini, ma tistax tkun mod ieħor[2]; din, igħidu l-atturi, hija raġuni għala l-permess ma kellux jinħareġ. L-attur Alfred Vella iżda xehed ukoll illi fil-bidu kien ftiehem ma' Gauci illi, wara li Gauci jmexxi r-*restaurant* għal ħames snin, jieħdu f'idejh l-attur[3]. Milli jidher, li kieku seħħ dan il-ftehim ma kienx ikun problema li c-cumnija tar-*restaurant* titfa' d-duħħan fil-kmamar tas-sodda tal-lukanda, bi ħsara għas-saħħa tar-residenti, basta r-*restaurant* imexxih l-attur u mhux kompetitur!

"Dan qiegħed jingħad mhux għax huwa tant relevanti għall-meritu tal-kawża iżda għax jikxef fil-beraħ l-*animus* li bih l-atturi għamlu din il-kawża.

"Ladarba l-azzjoni hija daqshekk manifestament infondata, ma huwiex meħtieġ illi l-qorti tqis ukoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti joghgobha:
"... ... ... tannulla s-sentenza appellata jew tirrevokaha u thassarha, u dan ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba, u tghaddi biex tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi, jigifieri biex tipprovdi fuq it-talba ta' l-atturi, biex jitkompla l-process tal-gbir tal-provi u biex tiddeciedi l-vertenza skond il-ligi u tilqa' t-talbiet attrici. Bl-ispejjez."

---

[2] Ara x-xhieda ta' l-attur Alfred Vella fid-seduta tal-10 t'Ottubru 1997, *fol.* 42.

[3] Ara x-xhieda ta' l-attur Alfred Vella fid-seduta tal-21 ta' Lulju 1995, *fol.* 21.

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi s-sentenza tal-ewwel istanza tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi ittentaw iwaqqghu permess ghan-negozju li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija hareg a favur is-socjeta` Riviera Ltd., biex din tkun tista' topera restaurant fi Triq il-Pwales, Xemxija. Is-socjeta` attrici tiggestixxi lukanda fl-istess triq u qed tallega li l-hrug tal-permess lis-socjeta` Riviera Ltd. sar in mala fede u huwa ta' dannu ghall-atturi. L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici wara li osservat mhux biss li ma saret ebda prova ta' mala fede, izda li l-allegazzjonijiet kienu frivoli u vessatorji.

L-atturi ressqu appell b'diversi lmenti indirizzati lejn il-mod kif l-ewwel Qorti kkonduciet is-smiegh tal-kawza u l-apprezzament li hi ghamlet tal-provi.

L-atturi ressqu aggravju dwar il-fatt li talba taghhom ghall-kjamata fil-kawza tal-Awtorita` ta' Malta ghat-Turizmu lanqas biss ma giet ikkunsidrata mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tinnota, fl-ewwel lok, li t-talba ghall-kjamata fil-kawza ta' din l-Awtorita` saret fid-9 ta' Dicembru 2005, meta l-kawza kienet diga` differita ghas-sentenza. B'digriet tal-14 ta' Dicembru, 2005 (fol. 140), l-ewwel Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti. <u>Ghall-kwazi ghaxar xhur shah l-atturi ma hadux il-briga biex jaraw li ssir in-notifika li ordnat il-Qorti</u> u kien biss fil-5 ta' Ottubru, 2006, <u>hamest ijiem</u> qabel ma kellha tinghata s-sentenza mill-ewwel Qorti, li l-atturi hallsu ghall-hrug tar-rikors! Fid-dawl ta' dan l-atteggjament negligenti tal-atturi, ghamlet sew l-ewwel Qorti li njorat it-talba tal-atturi.

Din il-Qorti tirrileva wkoll li, kif proposta l-azzjoni attrici, ghalkemm fil-mori tal-kawza l-imsemmija Awtorita` saret l-awtorita` pubblika responsbbli ghall-hrug ta' licenzji, il-legittimu kontradittur baqa' l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Bord ta' Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija. L-atturi, fit-talbiet taghhom, ma talbux il-hrug ta' xi licenzja ghan-negozju, izda talbu tlett dikjarazzjonijiet li jolqtu direttament l-agir tal-konvenuti. Huma talbu dikjarazzjoni li l-parir li nghata mill-Bord tal-Pariri nghata in mala fede, li l-permess li hareg il-Kummissarju tal-Pulizija inhareg irregolarment, u li kwindi l-hrug tal-licenzja kien null u bla effett. Ghal dawn it-talbiet, l-Awtorita` ta' Malta ghat-Turizmu ma kellhiex ghax twiegeb, peress li hi bl-ebda mod ma kienet involuta fil-hrug tal-licenzja in kwistjoni, u ebda agir rimedjali ma gie mitlub li kien jehtieg il-prezenza taghha fil-kawza.

L-atturi jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti ma ppermettietilhomx li jitolbu li jigi esebit il-file tal-Pulizija relatat mal-kaz. Dan, pero`, mhux minnu. Jirrizulta li l-Avukat tal-atturi nghata l-opportunita` jezamina l-file; wara li ezamina l-file, huwa talab li l-istess file jkun disponibbli ghall-Qorti, biex din tkun tista' tiflieh u ssegwi x'gara fil-kaz inkluz li tezamina l-korrispondenza li ghaddiet bejn l-attur u l-Kummissarju tal-Pulizija *in subjecta materia*. L-ewwel Qorti b'digriet tas-16 ta' Frar, 2001, irriservat li tipprovdi fuq it-talba ghall-produzzjoni tal-file "wara li l-attur ikun esebixxa l-kopji tal-ittri u l-acknowledgements relattivi msemmija minnu", u dana fi zmien xahar minn dakinhar. Dan id-digriet inghata seduta stante fil-prezenza tal-attur u d-difensur tieghu. L-attur, pero`, baqa' ma ottemperax ruhu ma' din l-ordni u sat-12 ta' Ottubru, 2001, kien baqa' ma esebixxa xejn. L-ewwel Qorti, ghal darba ohra rinfaccjata b'dan l-atteggjament negattiv tal-atturi, b'digriet tat-12 ta' Ottubru, 2001 cahdet it-talba ghall-produzzjoni tal-files tal-konvenut.

L-atturi jilmentaw ukoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ma ppermettitilhomx iressqu l-provi kollha li riedu. Anke hawn l-atturi m'ghandhomx ragun. Fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003, l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni ghat-30 ta' Ottubru, 2003. Dakinhar, l-attur u d-difensur

tieghu ma deherx, u wara li d-difensur tal-konvenuti ddikjara li m'ghandux xhieda xi jressaq, il-Qorti qieset maghluq il-gbir tax-xhieda, u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` lill-partijiet jipprezentaw noti tal-osservazzjonijiet. B'rikors ipprezentat fl-20 ta' Jannar, 2004, l-atturi talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u l-fakolta` li jissoktaw bil-provi taghhom. Fl-udjenza tat-30 ta' Gunju, 2004 (fol. 131) li ghaliha attendew l-attur u d-difensur tieghu, il-Qorti pprovdiet fuq it-talba attrici fis-sens li ordnat lill-attur sabiex fi zmien xahar "b'nota jghid min huma x-xhieda li jrid iressaq u jghid specifikament fid-dettal xi prova jrid jaghmel b'kull xhud u ghandu wkoll fl-istess zmien jesebixxi d-dokumenti kollha relattivi".

L-atturi, pero`, ma pprezentaw ebda nota indikattiva kif talbet l-ewwel Qorti u fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2004 (fol. 132), wara li l-Qorti kkonstatat li l-attur ma pprezentax in-nota u d-dokumenti msemmija fil-verbal precedenti, cahdet it-talba kontenuta fir-rikors tal-20 ta' Jannar, 2004, u halliet il-kawza ghas-sentenza biz-zmien estiz biex il-partijiet iressqu in-noti ta' osservazzjonijiet taghhom. B'rikors tad-29 ta' Ottubru, 2004, l-atturi talbu li jinghataw aktar zmien ghall-prezentata tan-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, u b'digriet moghti fis-26 ta' April, 2005, l-ewwel Qorti regghet tat zmien ulterjuri lill-partijiet sabiex jipprezentaw in-noti ta' osservazzjonijiet. Fis-6 ta' Dicembru, 2005, fuq talba tal-atturi, l-ewwel Qorti regghet geddet favur il-partijiet it-terminu ghan-noti. Din in-nota baqghet ma saretx minn ebda parti u l-Qorti tat is-sentenza taghha fl-10 ta' Ottubru, 2006.

Mill-premess jidher car li l-atturi inghataw ampia opportunita` jressqu l-provi taghhom u l-argumenti taghhom favur il-kaz taghhom, pero`, naqsu ripetutament li juzufruwixxu ruhhom mill-opportunitajiet li gew moghtija lilhom mill-ewwel Qorti. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Vassallo et v. Bondin et**, deciza fil-5 ta' Dicembru, 2001. "*M'hemmx ghalfejn jinghad wisq dwar l-import tal-principju "audi alteram partem" fis-sens illi dan ma kienx jimporta illi l-parti in kawza setghet tabbuza bil-process gudizzjarju u taghzel li tinjora d-direttivi tal-Qorti fil-kondotta tal-process.*

*Kien principju li jobbliga lill-parti ghall-kuntrarju illi ssegwi ad ungwem ir-regoli procedurali kemm dawk statutorji kif ukoll dawk moghtija mill-gudikant ghall-ahjar prosegwiment tal-process. Jekk wiehed jaghzel li jinjora dawn ir-regoli jaghmel dan a riskju tieghu. Certament il-Qorti kienet obbligata illi tassigura illi mhux biss id-direttivi taghha jigu debitament u tempestivament obduti imma wkoll li hadd ma jithalla jostakola il-kors tal-gustizzja mill-osservanza taghha.*

"*Din il-Qorti ma taqbilx illi meta l-Qorti tezigi s-serjeta` fil-kondotta tal-proceduri fosthom l-attendenza tal-kontendenti ghas-seduti – manifestament nieqsa fil-kaz tal-appellanti – hi tkun qieghda timponi xi sanzjoni fil-konfront tal-partijiet. Tkun qieghda biss tapplika r-regola fondamentali tal-procedura illi l-kawza kellha tigi immexxija skond kif stabbilit fil-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Kienet biss il-parti inadempjenti li ttraskurat l-obbligi taghha u illi tigbed fuqha r-rigur tal-ligi bl-inevitabbli konsegwenza illi ma tkunx ipproduciet il-provi li jidhrilha li kellha d-difiza taghha.*"

Anke f'dan il-kaz, din il-Qorti tara li l-atturi appellanti ttraskuraw b'mod lampanti l-obbligi taghhom lejn il-Qorti u r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, u l-aggravji taghhom fir-rigward huma altament fiergha.

Ghar-rigward tal-meritu tal-allegazzjonijiet attrici, din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti u bhal ewwel Qorti qabilha, ma ssib xejn remotament indikattiv ta' xi mala fede. Jirrizulta li certu Paul David Gauci kien applika ghall-permess biex jiftah bar and restaurant fi Triq Pwales, Xemxija, u wara oggezzjoni mill-attur, il-Bord tal-Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija gie mitlub jaghti l-parir tieghu fuq il-kaz. Dan il-Bord kellu laqgha ma' l-attur, izda xorta wahda ghamel rakkomandazzjoni favorevoli ghal hrug tal-licenzja; l-appell tal-attur quddiem l-Appeals Tribunal ma giex ikkunsidrat peress li "the appeal was filed outside the time limit". Fil-frattemp, il-process fuq l-applikazzjoni tas-Sur Gauci "waqfet", ghax hu ittrasferixxa l-hanut lis-socjeta` Riviera Ltd. Din il-kumpanija ghamlet talba ohra ghal-licenzja, liema talba ntlaqghet, u, ghalhekk, Riviera

Ltd. setghet tiftah ir-restaurant.  Ma gie muri xejn irregolari f’dan il-process, u ma saret ebda prova li xi ufficcjal agixxa b’mala fede.  L-attur xehed fid-dettal dwar kwistjoni li kellu ma’ dan Gauci dwar it-trasferiment tal-istess restaurant, pero`, ma wera xejn biex jiggustifika l-allegazzjoni tieghu li l-konvenuti agixxew in mala fede jew b’irregolarita`.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma ssib xejn x’ticcensura fis-sentenza tal-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-atturi appellanti in solidum, u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-istess atturi appellanti ghal hlas ta’ spejjez doppji skond l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------